**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 13 ta' Gunju 2017**

**Rikors Numru. 71/2016**

**Paul Previ**
**vs**
**Transport Malta u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2017 isem l-Awtorita` intimata gie jaqra Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Paul Previ** fit-3 ta' Ottubru 2016 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-
"

1. *Illi l-esponenti huwa sid ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni HVY 024.*

2. *Illi l-esponenti joffri servizz ta' ġarr ta' passiġieri u għal dan il-għan huwa jutilizża mini van ossia l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HVY 024*

3. *Illi fid-29 ta' Lulju 2016 waqt li kien qiegħad jaħdem bħala xufier ġewwa Triq it-Torri taż Sliema, saret spezzjoni minn Uffiċjali tal-Infurzar fi ħdan Transport Malta, għall-ħabta tal-23.30.*

4. *Illi sussegwentament, fit-8 ta' Awissu 2016 l-esponenti rċieva Avviż ta' Penali Amministrattivi skond Regolament 108(10) tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiggieri (L.S. 499.56), fejn Transport Malta infurmat lill-esponenti li kienet beħsieba timponi fuqu Penali Amministrattivi ta' €500 u 500 Punt ta' Penali u dan għaliex fil-fehma ta' Transport Malta, l-esponenti kien kiser ir-Regolamenti Dwar*

*Servizzi ta' Ġarr ta' Passiggieri (L.S. 499.56) billi għabba passiġieri minn fuq bus stop.*

5. *Illi l-esponenti appella minn dan l-Avviż tramite l-konsuent legali tiegħu b'ittra datata 16 ta' Awissu 2016.*

6. *Illi Transprot Malta ma laqgħatx l-appell tal-esponenti u permezz ta' ittra datata 5 ta' Settembru 2016 u li waslet bil-posta għand l-esponenti nhar it-18 ta' Settembru 2016, infurmatu li kienet se timponi fuqu l-Penali Amministrattivi msemmija fl-Avviż promotur u li jekk irid kellu dritt jintavola appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fi żmien 30 ġurnata minn meta jirċievi n-notifika mingħand Transport Malta.*

7. *Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk qiegħad jinterponi dan l-umli appell qudiiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.*

8. *Illi fost ix-xoghol li jagħmel l-esponenti jinkludi servizz ta' transport lil żgħażagħ strangieri inkluż studenti, li jkunu qegħdin għall-btala f'Malta. Kull meta jagħmel xi vjaġġ b'xi żgħażagħ barranin l-esponenti jagħtijhom 'business card' u dawn jagħddu tali cards lill-xulxin.*

9. *Illi l-esponenti jistqarr illi nhar id-29 ta' Lulju 2016 huwa kien qiegħad jagħmel xi xogħol bil-mini van, liema xogħol ħadu madwar Malta kollha. Illi l-esponenti kellu takkumpanjah lis-sinjura Joanne Pace (KI 290671M) u f'ħin minnnom irċiviet telefonata mingħand studenta Taljana u talbet vjaġġ għaloha u għal sħaba minn Tas-Sliema sal-Gianpula, limiti tar-Rabat. Illi l-esponenti aċċetta li jinżel tas-Sliema u jiġbor lil dawn l-istudenti Taljani minn ħdejn l-Aroma Restaurant, Sliema. Huma ftehmu wkoll fuq il-prezz ta' €5 kull persuna.*

10. *Illi meta l-esponenti wasal fuq il-post, huwa seta' josserva li dawn iż-żgħażagħ kienu jifformaw parti minn grupp ikbar ta' turisti u li uħud minnom kienu qegħdin jistennew fuq il-Bus Stop li hemm ftit metri l-boghod mill-Aroma Restaurant. Illi sabiex dawn it-turisti jibqgħu mal-ħbieb tagħhom sakemm jinfirdu, flok qaqgħdu jistennew ħdejn l-Aroma Restaurant hekk kif miftiehem, huma għażlu li jistennew ħdejn il-Bus Stop.*

11. *Illi meta l-esponenti identifika l-persuna li ċemplitlu din ikkonfermatlu li kienu grupp ta' 5 studenti u li riedu jmorru l-Gianpula. Illi f'dan il-mument, l-esponenti osserva żewġ Uffiċjali ta' Transport Malta u cioe' l-Uffiċjal bin-Numru 4 u l-Uffiċjal bin-Numru 5 ġejjin bil-pass mill-faccata l-oħra tat-triq. Illi peress li l-esponenti ma ħass li qed jikser l-ebda Regolament huwa baqa' fuq il-post. Illi l-esponent umilment jissottometti li kieku kellu l-biza' li qed jikser xi Regolament huwa kellu ċ-ċans li jsuq u jitlaq minn fuq il-post u mhux jibqa jiddiskuti mat-turisti taħt għajnejn l-Uffiċjali ta' Transport Malta.*

12. *Illi eventwalment żewġ turisti fetħu l-bieba u daħlu ġol-vettura tal-esponent, pero, ġara li l-persuna li kienet għamlet it-telefonata u tablet is-servizz kienet ħasbet li l-prezz miftiehem ta' €5 kien prezz bir-ritorn u mhux prezz kull persuna kull vjaġġ. Għalhekk peress li din ma qablitx mal-prezz qalet lil sħabha biex jinżlu b'dan li t-turisti li kienu ġa daħlu fil-vettura reġgħu ħaġu u telqu għal triqithom.*

13. *Illi f'dan il-mument l-Uffiċjali ta' Transport Malta qali lill-esponenti li se jkunu qegħdin jagħmlulu rapport uffiċjali u dan minħabba l-fatt li "l-bieba tal-van infetħet u daħlu n-nies". Illi l-esponenti spjega kull ma ġara lill-Uffiċjali ta' Transport Malta, fuq kollox li dawn in-nies ċemplulu biex imur għalihom u li finalment iddeċidew li ma jagħmlux użu' mis-servizz tiegħu ghax ma qablux fuq il-prezz. Minkejja dan kollu l-Uffiċjali ta' Transport Malta deherilhom li xorta għandhom jagħmlu rapport.*

14. *Illi għandu jingħad li din it-turista Taljana, x'ħin indunat li donnu kien hemm xi problema mal-Awtorita' b'mod volontarju intervjeniet u kkonfermat mal-Ufficjali ta' Transport Malta dak kollu li beda jgħid l-esponenti u cioe' li kienet hi stess li ċemplet lill-esponenti u li riedu jmorru Gianpula. Illi dan kollu juri b'mod ċar il-ġenwinita' tal-esponenti.*

15. *Illi għandu jingħad ukoll u li bla preġudizzju għas-suespost, f'dak il-hin tal-ġurnata u cioe' fil-23.30 m'hemmx karozza tal-linja li tmur Gianpula, r-Rabat jew saħansitra x'imkien viċin u għalhekk il-fatt li mingħajr intenzjoni ħażina, l-esponenti waqaf fuq il-Bus Stop, ma kienx ta' pregudizzju għall-ordni pubblika. Lanqas ma jista' jingħad li l-esponenti prova jieħu xi vantaġġ fuq it-turisti għax kienet propju t-turista Taljana stess li kkonfermat li kienet hi li ċemplet u talbet is-servizz tal-esponenti.*

16. *Illi in tema legali l-offiża hija msejsa fuq ir-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiggiera (L.S. 499.56). Illi r-Regolament 42 jgħid hekk:*

    *(1) L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri: Iżda l-ferroviji mingħajr binarji jitħallew jistennew biex jinkrew f'post ta' tluq approvat mill-Awtorità.*

    *(2) Is-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, jistgħu jinbiegħu biss minn gabbani awtorizzati, minn postijiet kummerċjali awtorizzati, mill-uffiċini tal-operatur jew miċ-ċentru minn fejn jopera l-operatur, online, bit-telefown jew bilposta.*

    *(3) L-ebda persuna m'għandha - (a) tbiegħ, jew (b) iġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tbiegħ servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tattrasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, bi ksur tad-dispożizzjoni tas-subregolament (2).*

    *(4) Ebda persuna m'għandha tiffitta, sew jekk direttament sew jekk indirettament, persuna f'xi post biex tuża servizz ta' ġarr tal-passiġġieri.*

17. *Illi fl-ittra tat-8 ta' Awwissu 2016 l-Awtorita' ma tispeċifikax liem hija l-offiża li allegatament wettaq l-esponenti. Min-naħa l-oħra jekk wieħed iħares lejn il-Penali li l-Awtorita imponiet fil-konfront tal-esponenti, wieħed jista jikkonkludi li l-offiża hija dik kontemplata fir-Regolament 42(1). Illi min qari akkurat tar-Regolament 42 jidher biċ-ċar li hemm distinzjoni bejn dak kontemplat fir-Regolament 42(1) u dak kontemplat fir-Regolamenti 42(2) u 43(3). Fil-fatt ir-Regolament 42(1) jghid "L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri" u r-Regolamenti 42(3) u 43(4) isemmu "is-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri", b'dan li hemm distinzjoni bejn 'kiri ta vetturi' u 's-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri'. Illi r-Regolament 42 m'huwiex applikabbli għaċ-ċiekostanzi odjerni.*

18. *Illi dan kollu juri li kemm fuq il-mertu u kemm legalment m'hemmx raġuni valida sabiex l-esponenti jinstab ħati ta' ksur ta' dan ir-Regolament. "*

Ra illi l-Awtorita` intimata debitament notifikata, ma pprezentat l-ebda risposta fit-terminu koncess mil-ligi.

Ra id-digriet tal-10 ta' Novembru 2016 fejn ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh;

Ra illi fit-18 ta' Novembru 2016 l-Awtorita` intimata ipprezentat risposta ghar-rikors promutur;

Ra d-digriet tal-21 ta' Novembru 2016 fejn it-Tribunal ordna l-isfilz tal-istess risposta peress li kienet wahda tardiva;

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Sema' x-xhieda tar-rikorrent, ta' Joanne Pace u ta' Matthew Schembri;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 5 ta' Settembru 2016 kif preceduta bi pre-avviz tat-8 ta' Awissu 2016 li permezz taghha r-rikorrent gie infurmat mill-Awtorita` intimata li kienet qieghdha tigi imposta fuqu penali amministrattiva ta' hames mitt ewro (€500) u hamsin (50) punt ta' penali minhabba ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.

Illi Regolament 42 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri) jghid is-segwenti:-

***"42.** (1) L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri:*

*Iżda l-ferroviji mingħajr binarji jitħallew jistennew biex jinkrew f'post ta' tluq approvat mill-Awtorità.*

*(2) Is-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, jistgħu jinbiegħu biss minn gabbani awtorizzati, minn postijiet kummerċjali awtorizzati, mill-uffiċini tal-operatur jew miċ-ċentru minn fejn jopera l-operatur, online, bit-telefown jew bil-posta.*

*(3) L-ebda persuna m'għandha -*
*(a) tbiegħ, jew*
*(b) iġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tbiegħ servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, bi ksur tad-dispożizzjoni tas-subregolament (2).*
*(4) Ebda persuna m'għandha tiffitta, sew jekk direttament sew jekk indirettament, persuna f'xi post biex tuża servizz ta' ġarr tal-passiġġieri."*

Illi **r-rikorrent** xehed illi huwa xufier u fil-gurnata in kwistjoni kien ircieva telefonata minn grupp f'Tas-Sliema li riedu jmorru l-Gianpula, Ta' Qali. Spjega li qabel mar Tas-Sliema huwa kien ghabba passiggier miz-Zejtun u baqa' sejjer Tas-Sliema, fejn ir-Roma Hotel, biex jigbor lil dan il-grupp ta' studenti barrani. Malli wasal fuq il-post huwa beda jinnegozja maghhom il-prezz meta resqu lejh ufficjali tal-Awtorita` intimata fejn hu spjegalhom li kien qed jiddilja maghhom biex johodhom Ta' Qali. Hu jispjega li studenta minnhom spjegat lill-ufficjal tal-Awtorita` intimata li huma kienu cemplulu pero` r-rikorrent qallu li mhux se jtellaghhom peress li kienu qed jippretendu li johodhom Ta' Qali b'zewg ewro u ghalhekk rega' telaq bil-passiggier li kellu originarjament.

**Joanne Pace** stqarret illi fil-gurnata in kwistjoni hija kienet qed takkumpanja lir-rikorrent meta rceviet telefonata biex jigbru xi grupp minn Tas-Sliema ghal Gianpula, pero` ma ftehmux fuq prezzijiet. X'hin waslu hdejn ir-Roma Hotel harget persuna u qalilhom biex jibqghu sejrin iktar 'l isfel biex jigbru lill-persuni li kienu cemplulhom biex itellghuhom il-Gianpula. Tghid li pero` mbaghad ma kienx hemm ftehim fuq il-prezz ghax il-passiggieri ppretendew li jitilghu il-Gianpula b'zewg ewro u ghalhekk baqghu sejrin il-Gianpula b'persuna wahda li kienet telghet maghhom aktar qabel. Tghid li kien hemm passiggiera Taljana li spjegat lill-ufficjali tal-Awtorita` intimata li kienu cemplulhom qabel pero` l-ufficjali xorta harrkuhom.

**Matthew Schembri** xehed illi fil-gurnata in kwistjoni huwa cempel il-van biex jitla` Gianpula u mar ir-rikorrent ghalih fejn infurmah li kien se jghaddi ghal xi nies Tas-Sliema. X'hin waslu tas-Sliema waqfu hdejn ir-Roma Hotel fejn sabu lill-grupp ftit iktar 'il quddiem u r-rikorrent beda jkellimhom fuq il-prezz pero` ma qablux dwar dan u spiccaw ma telghux.

**Ikkunsidra:**

Illi m'hemmx kontestazzjoni illi l-vettura li kien qieghed isuq ir-rikorrent taqa' fid-definizzjoni ta' *"vettura ghall-garr ta' passiggieri"* ai termini tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri. L-intenzjoni tal-Legislatur wara r-Regolament 42 tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri,

ctitat iktar 'il fuq, kienet illi l-vetturi ghall-garr tal-passiggieri m'ghandhomx jitqieghdu ghall-kiri minghajr ma jkunu gew ingaggati ghal servizzi partikolari b'avviz minn qabel. Hekk perezempju ma jistghux jieqfu fit-triq u jistaqsu lill-persuni jekk ridux iwassluhom x'imkien. Il-ftehim biex jigi offrut is-servizz tal-istess vetturi jista' jsir biss minn gabbani awtorizzati, postijiet kummercjali awtorizzati, mill-ufficini tal-operatur jew mic-centru fejn jopera, jew inkella *online,* permezz tat-telefown jew bil-posta.

Illi mix-xhieda tar-rikorrent u ta' Joanne Pace jirrizulta illi fil-gurnata in kwistjoni Joanne Pace kienet irceviet telefonata minn grupp ta' studenti minn Tas-Sliema biex johduhom Gianpula. Jirrizulta wkoll illi qabel ma r-rikorrent mar Tas-Sliema ghadda ghal passiggier, certu Matthew Xuereb, iz-Zejtun. Jirrizulta wkoll illi meta wasal fil-post indikat mill-istudenti, u cioe` Roma Hotel, huwa gie nfurmat li l-grupp kien iktar 'il fuq. Meta r-rikorrent infurmahom bil-prezz tal-vjagg dawn ma qablux li kellhom ihallsu hames ewro lejn il-Gianpula u hames ewro ohra lura. Illi jinghad illi fir-rikors promutur gie premess illi l-prezz gie miftiehem minn qabel *"Illi l-esponent accetta li jinzel Tas-Sliema u jigbor lil dawn l-istudenti Taljani minn hdejn l-Aroma Restaurant, Sliema. Huma ftehmu wkoll fuq il-prezz ta' €5 kull persuna".* Madankollu kemm ir-rikorrent u kemm Joanne Pace quddiem dan it-Tribunal xehdu li l-prezz ma giex miftiehem minn qabel. Illi ghalkemm hemm din id-divergenza fuq din ic-cirkostanza partikolari, il-fatt jibqa' illi dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni li x-xhieda moghtija hija verosimili u li l-vjagg minn Tas-Sliema, li eventwalment ma sehhx, kien prenotat permezz ta' telefonata.

Illi jekk wiehed ihares lejn il-pre-avviz datat 8 ta' Awissu 2016 u esebit a fol. 6 tal-process, isib specifikata l-infrazzjoni riskontrata mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata liema infrazzjoni taqra s-segwenti "*...fejn jirrizulta li waqt li kont qed taghmilha ta' xufier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HVY 024 ghabbejt passiggieri minn fuq bus stop"* bi ksur tar-Regolament 42 fuq citat. Illi jekk wiehed jara r-Regolament 42 ma jirrizultax illi xufier ikun in kontravvenzjoni tal-istess Regolament jekk jghabbi minn fuq *bus stop.* A skans ta' repetizzjoni it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li giet sottomess iktar ghal fuq ghal x'jikkostitwixxi infrazzjoni ta' Regolament 42.

Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata kienet wahda mhux gustifikata fic-cirkostanzi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**